32005D0923

22.12.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 337/27

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-2 ta' Diċembru 2005

dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea tal-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Ħamrija, il-Protokoll dwar l-Enerġija u l-Protokoll dwar it-Turiżmu għall-Konvenzjoni dwar l-Alpi

(2005/923/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175 (1) flimkien ma' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Alpi (Il-Konvenzjoni dwar l-Alpi) ġiet konkluża f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni 96/191/KE [1].

(2) Il-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Ħamrija, il-Protokoll dwar l-Enerġija u l-Protokoll dwar it-Turiżmu għall-Konvenzjoni dwar l-Alpi huma pass importanti fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Alpi, u l-Komunità għandha l-impenn għat-twettiq ta' l-objettivi ta' din il-Konvenzjoni.

(3) Il-problemi ekonomiċi, soċjali u ekoloġiċi transkonfinali ta' l-Alpi jibqgħu sfida ewlenija li għandha tiġi trattata f'din iż-żona sensittiva ħafna.

(4) Il-Politika Komunitarja, b'mod partikolari l-oqsma ta' prijorità tas-6 Programm ta' Azzjoni dwar l-Ambjent [2], għandha tiġi promossa u msaħħa fi ħdan ir-reġjun ta' l-Alpi.

(5) Dawn il-Protokolli għandhom jiġu ffirmati u d-dikjarazzjonijiet mehmuża approvati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Ħamrija, il-Protokoll dwar l-Enerġija u l-Protokoll dwar it-Turiżmu għall-Konvenzjoni dwar l-Alpi, magħmula f'Salzburg fis-7 ta' Novembru 1991, huwa b' dan approvat f' isem il-Komunità, soġġett għall-konklużjoni ta' l-imsemmija protokolli.

It-test tal-Protokolli u tad-Dikjarazzjonijiet għalihom huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li, tiffirma/jiffirmaw il-Protokolli msemmija f' Artikolu 1 f' isem il-Komunita' soġġett għall-konklużjoni tagħhom, u jiddepożita(w) id-dikjarazzjonijiet.

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BECKETT

(1) ĠU L 61, 12.3.1996, p. 31.

(2) ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

DIKJARAZZJONIJIET TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea fir-rigward ta' l-artikolu 12 (3) tal-protokoll dwar "il-Ħarsien tal-Ħamrija" tal-Konvenzjoni dwar l-Alpi

Il-Komunità Ewropea tiġbed l-attenzjoni li l-Artikolu 12(3) tal-Protokoll dwar "il-ħarsien tal-ħamrija" għandu jiġi interpretat skond il-leġislazzjoni eżistenti tal-KE u b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-ħarsien ta' l-ambjent, u b'mod partikolari il-ħamrija, meta l-ħama tad-dranaġġ jintuża fl-agrikoltura ([1]). Il-Komunita' Ewropea hija tal-fehma li l-ħama jista' jkollu kwalitajiet agronomiċi ta' valur u jista' jintuża fl-agrikoltura jekk jiġi użat kif suppost. L-użu tiegħu m'għandux jagħmel ħsara lill-kwalità tal-ħamrija u tal-prodotti agrikoli kif dikjarat fil-Premessa 7 ta' din id-Direttiva, u lanqas ma jwassal għal effetti ta' ħsara lill-bniedem (konsegwenzi diretti jew indiretti fuq saħħet il-bniedem), l-annimali, il-pjanti u l-ambjent, kif dikjarat fil-Premessa 5 u l-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva.

Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea fir-rigward ta' l-artikolu 17 (2) tal-Protokoll dwar "il-Ħarsien tal-Ħamrija" tal-Konvenzjoni dwar l-Alpi

L-Artikolu 17(2) tal-Protokoll dwar "il-Ħarsien tal-Ħamrija" għandu jinqara skond il-leġislazzjoni tal-KE u b' tali mod li jkun żgurat li l-pjanijiet għall-immaniġġar ta' l-iskart għall-proċessi ta' qabel it-trattament, it-trattament u r-rimi ta' l-iskart u l-materjali residwi jitfasslu u jiġu implimentati, sabiex tiġi evitata l-kontimazzjoni tal-ħamrija u li tiġi żgurata l-kompatibbiltà, mhux biss ma' l-ambjent, iżda wkoll mas-saħħa tal-bniedem. Il-ħama jista' jintuża f' każijiet fejn ikun ta' benefiċċju għall-ħamrija jew għan-nutriment tal-ħxejjex u pjanti.

Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-artikoli 19 (2) u 21 (2) tal-Protokoll dwar "il-Ħarsien tal-Ħamrija" tal-Konvenzjoni dwar l-Alpi

Fir-rigward ta' l-Artikolu 19(2) u l-Artikolu 21(2) tal-Protokoll dwar "il-ħarsien tal-ħamrija", is-sistema ta' osservazzjoni komuni għandha tkun kompatibbli fejn xieraq mas-Sistema tas-Sistemi ta' Osservazzjoni Globali tad-Dinja (GEOSS) u għandha tieħu kont tad-*database* stabbilita mill-Istati Membri skond il-leġislazzjoni tal-KE dwar l-osservazzjoni, il-ġbir tad-*data* u l-*meta data*.

Dikjarazzjoni ta' riżerva tal-Komunità Ewropea dwar l-artikolu 9 tal-Protokoll dwar "l-Enerġija" tal-Konvenzjoni dwar l-Alpi

L-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar "l-Enerġija" jirrigwarda kwistjonijiet ta' l-enerġija nukleari. Sa fejn għandha x'taqsam il-Komunita' Ewropea, il-ħtiġiet imsemmija f' Artikolu 9 huma previsti fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità ta' l-Enerġija Atomika (EURATOM). Id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Konvenzjoni dwar l-Alpi ġiet rattifikata ma kinitx ibbażata fuq it-Trattat EURATOM iżda biss fuq it-Trattat tal-KE. Id-deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-Protokoll ser ikollha l-istess bażi legali. B'konsegwenza, il-Komunità Ewropea m'hijiex ser tkun marbuta mill-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-Enerġija meta l-Protokoll jidħol fis-seħħ għall-Komunità.

([1]) ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6.

PROTOKOLL

ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina ta' l-1991 fil-qasam tal-protezzjoni tal-ħamrija Protokoll "Protezzjoni tal-Ħamrija"

Preambolu

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIZA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IL-PRINĊIPAT TA' LICHTENSTEIN,

IL-PRINĊIPAT TA' MONACO,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA,

kif ukoll

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Skond il-missjoni tagħhom li toħroġ mill-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-Alpi (Konvenzjoni Alpina) tas-7 ta' Novembru 1991 li tassigura politika globali ta' protezzjoni u ta' żvilupp sostenibbli taż-żona Alpina,

Fl-applikazzjoni ta' l-obbligi tagħhom li joħorġu mill-Artikolu 2(2) u (3) tal-Konvenzjoni Alpina,

Bl-għan li titnaqqas il-ħsara kwantitattiva u kwalitattiva kkawżata lill-ħamrija, notevolment bl-użu ta' metodi ta' produzzjoni agrikoli u ta' silvikultura li jekonomizzaw il-ħamrija, filwaqt li dawn jiġu esplojtati b'mod ekonomiku, billi titwaqqaf l-erożjoni u billi tkun limitata l-impermeabbiltà tal-ħamrija.

Konxji li l-protezzjoni tal-ħamrija Alpina, il-ġestjoni sostenibbli tagħha u r-restawrazzjoni tal-funzjonijiet naturali tagħha fil-positijiet niexfa huma ta' interess ġenerali,

Konxji li l-Alpi, li jifformaw waħda mill-ikbar żoni naturali kontinwi fl-Ewropa, għandhom diversità ekoloġika u ekosistemi estremament sensibbli, li l-kapaċità ta' tħaddim tagħhom għandha tkun ippreservata,

Konvinti li l-popolazzjoni lokali għandha tkun tista' tiddefinixxi l-proġett tagħha ta' żvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku u li tipparteċipa fl-implimentazzjoni tiegħu fl-ambitu istituzzjonali eżistenti,

Konxji li minn naħa ż-żona Alpina tikkostitwixxi qafas ta' ħajja u ta' attivitajiet ekonomiċi importanti għall-popolazzjoni lokali u żona ta' mistrieħ għar-residenti ta' reġjuni oħra, u li min-naħa l-oħra l-preservazzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija tista' titqiegħed f'periklu mill-eżiġenzi differenti ta' utilizzazzjoni li huma kkonċentrati fiż-żona Alpina dejqa, u li, għal din ir-raġuni, l-interessi ekonomiċi għandhom ikunu armonizzati ma' l-eżiġenzi ekoloġiċi,

Jirrikonoxxu l-fatt li l-ħamrija tokkupa pożizzjoni partikulari fi ħdan l-ekosistemi, li l-formazzjoni mill-ġdid tagħha kif ukoll ir-riġenerazzjoni tal-ħamrija ddaneġġata jsiru bil-mod ħafna, li minħabba partikularitajiet topografiċi taż-żona Alpina, l-erożjoni tal-ħamrija tista' tintensifika ruħha, li, minn parti l-ħamrija hija akkumulatur ta' tinġis u li, mill-parti l-oħra, il-ħamrija kkontaminata tista' tkun sors ta' ta' kontribuzzjonijiet ta' elementi li jniġġsu f'ekosistemi ta' madwarhom u jistgħu jippreżentaw periklu għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti,

Konxji li l-użu ta' l-artijiet, notevolment, għall-urbanizmu, l-iżvilupp ta' l-industrija u ta' l-artiġjanat, ta' l-infrastruttura, ta' l-estrazzjoni mill-minjieri, tat-turiżmu, ta' l-agriultura u ta' l-ekonomija forestarja kif ukoll tat-trasporti, jistgħu jwasslu għal ħsara kwalitattiva u kwantitattiva tal-ħamrija, u li konsegwentement, miżuri xierqa u integrati ta' prevenzjoni kif ukoll ta' limitazzjoni u ta' tisħiħ tal-ħsarat għandhom ikunu proposti għall-protezzjoni tal-ħamrija,

Jikkunsidraw li l-protezzjoni tal-ħamrija għandha riperkussjonijiet multipli fuq politiki oħra fiż-żona Alpina u li din għandha tkun – bħala konsegwenza – kkoordinata mad-dixxiplini u s-setturi l-oħra,

Konvinti li ċerti problemi ma jistgħux jiġu solvuti ħlief f'ambitu transfrontali u jeżiġu miżuri komuni minnaħa ta' l-Istati Alpini, li għandhom jiġu implimentati mill-Partijiet firmatarji skond il-mezzi eżistenti,

JAQBLU DWAR DAN LI ĠEJ:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Objettivi

1. Dan il-Protokoll iservi għall-implimentazzjoni ta' l-impenji tal-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni Alpina fil-qasam tal-protezzjoni tal-ħamrija.

2. Il-ħamrija,

(1) fil-funzjonijiet naturali tagħha bħala:

(a) bażi vitali u żona vitali għall-bniedem, għall-annimali, għall-pjanti u għall-organiżmi tagħhom,

(b) element li jiddistingwi n-natura u l-pajsaġġi,

(ċ) parti mill-ekosistemi, b'mod partikulari biċ-ċikli ta' l-ilma u l-elementi nutrittivi tagħhom,

(d) fonti ta' trasformazzjoni u ta' regolazzjoni għall-kontributuri ta' sustenzi, notevolment permezz tal-kapaċitajiet tagħhom ta' filtrazzjoni, l-effett ta' waqfien, ta' riżerva, b'mod partikulari għall-protezzjoni ta' l-ilmijiet ta' taħt l-art,

(e) riżerva ġenetika,

(2) fil-funzjonijiet tagħha ta' arkivju ta' l-istorja naturali u kulturali u,

(3) sabiex jiġi protett l-użu tagħha bħala:

(a) sit għall-agrikoltura inkluż l-ekonomija tal-biedja tar-ragħa ta' l-annimali u l-ekonomija forestarja,

(b) superfiċji għall-urbanizzazzjoni u l-attivitajiet turistiċi,

(ċ) sit għal użi ekonomiċi oħra, it-trasporti, il-provvista u d-distribuzzjoni, l-evakwazzjoni ta' l-ilmijiet u ta' l-iskart,

(d) depożiti ta' riżorsi naturali,

għandha tiġi kkonservata b'mod sostenibbli fil-komponenti kollha tagħha. B'mod partikulari l-funzjonijiet ekoloġiċi tal-ħamrija għandhom ikunu ggarantiti u ppreservati fit-tul b'mod kwalitattiv u kwantitattiv bħala element essenzjali ta' l-ekosistemi. In-naturalizzazzjoni mill-ġdid tal-ħamrija ddanniġġata għandha tiġi nkuraġġuta.

3. Il-miżuri li għandhom jittieħdu għandhom bħala objettiv b'mod partikulari użu adatt tal-ħamrija skond il-post, użu ekonomiku ta' l-uċuħ, il-prevenzjoni kontra l-erożjoni u modifiki ta' preġudizzju għall-istruttura ta' l-art kif ukoll minimizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' sustenzi li jniġġsu l-ħamrija.

4. B'mod partikulari, id-diversità ta' ħamrija, tipika taż-żona Alpina u l-postijiet karatteristiċi, għandhom ukoll jiġu ppreservati u promossi.

5. F'dan ir-rigward, il-prinċipju ta' prevenzjoni, li jinkludi l-garanzija tal-kapaċità ta' tħaddim u tal-possibbiltajiet ta' użu tal-ħamrija għal finijiet differenti kif ukoll id-disponibilità tagħhom għal ġenerazzjonijiet futuri bil-ħsieb ta' żvilupp sostenibbli, jieħu importanza partikulari.

Artikolu 2

Obbligi fundamentali

1. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jieħdu l-miżuri legali u amminstrattivi meħtieġa sabiex jassiguraw il-protezzjoni tal-ħamrija fiż-żona Alpina. Is-sorveljanza ta' dawn il-miżuri se ssir taht ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet nazzjonali.

2. Fil-każ ta' periklu ta' ħsara gravi u persistenti għall-kapaċità ta' tħaddim tal-ħamrija, l-aspetti ta' protezzjoni għandhom bħala regola ġenerali jieħdu prijorità fuq l-aspetti ta' użu.

3. Il-Partijiet Kontraenti qed jeżaminaw il-possibbiltà li jappoġġaw il-miżuri kkunsidrati minn dan il-protokoll għall-protezzjoni tal-ħamrija fiż-żona Alpina permezz ta' miżuri fiskali u/jew finanzjarji. Il-miżuri kompatibbli mal-protezzjoni tal-ħamrija u ma' l-objettivi ta' użu ekonomiku u ekoloġiku ta' l-art għandhom jibbenefikaw minn appoġġ partikulari.

Artikolu 3

Il-kunsiderazzjoni ta' l-objettivi fil-politiki l-oħra

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jieħdu wkoll in konsiderazzjoni l-objettivi ta' dan il-Protokoll fil-politiki l-oħra tagħhom. Fl-Alpi dan japplikaw b'mod partikulari għas-setturi ta' l-ippjanar tat-territorju, ta' l-urbaniżmu u tat-trasporti, ta' l-enerġija, ta' l-agrikultura u ta' l-ekonomija forestarja, ta' l-esplojtazzjoni ta' materji prima, ta' l-industrija, ta' l-artiġjanat, tat-turiżmu, tal-protezzjoni tan-natura u tal-manteniment tal-pajsaġġi, tal-ġestjoni ta' l-ilma ta' l-iskart u tal-kwalità ta' l-arja.

Artikolu 4

Parteċipazzjoni tal-kollettivitajiet territorjali

1. Fil-kwadru istituzzjonali eżistenti, kull Parti Kontraenti tiddetermina l-aħjar livell ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-kolletivitajiet territorijali kkonċernati b'mod dirett sabiex tkun promossa solidarjetà fir-responsabbiltà, notevolment sabiex tesplojtja u tiżviluppa fiż-żona Alpina s-sinerġiji fl-applikazzjoni tal-politiki tal-protezzjoni tal-ħamrija kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-miżuri li joħorġu minnhom.

2. Il-kollettivitajiet territorjali kkonċernati b'mod dirett huma reċipjenti fis-stadji differenti tal-preparazzjoni u ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki u miżuri skond il-kompetenzi tagħhom, fl-ambitu istituzzjonali eżistenti.

Artikolu 5

Kooperazzjoni internazzjonali

1. Il-Partijiet Kontraenti jappoġġaw kooperazzjoni internazzjonali rrinforzata bejn l-istituzzjonijiet kompetenti rispettivi b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mat-twaqqif ta' reġistri tal-ħamrija, l-osservazzjoni tal-ħamrija, id-delimitazzjoni u s-sorveljanza taż-żoni tal-ħamrija protetti u taż-żoni ta' ħamrija mniġġsa kif ukoll iż-żoni f'periklu, it-tqegħid għad-dispożizzjoni u armonizzazzjoni tal-bażijiet tad-data, il-koordinazzjoni tar-riċerka dwar il-protezzjoni tal-ħamrija Alpini kif ukoll l-informazzjoni reċiproka.

2. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jeliminaw l-ostakli għall-kooperazzjoni interenazzjonali bejn il-kollettivitajiet territorjali taż-żona Alpina u li jiffavorixxu s-soluzzjoni għall-problemi komuni fil-livell l-aktar xieraq.

3. Meta d-definizzjoni tal-miżuri dwar il-protezzjoni tal-ħamrija tkun tiddependi fuq il-kompetenza nazzjonali jew internazzjonali, il-kollettivitajiet territorjali għandhom ikollhom il-possibbiltà li jippreżentaw b'mod effikaċi l-interessi tal-popolazzjoni.

KAPITOLU II

MIŻURI SPEĊIFIĊI

Artikolu 6

Delimitazzjonijiet taż-żoni

Il-Partijiet Kontraenti jieħdu ħsieb li ħamrija li hi denja ta' protezzjoni tkun inkluża wkoll mad-delimitazzjoni taż-żoni protetti. B'mod partikulari, formazzjonijiet pedoloġi u tal-blat karatteristiċi jew ta' interess partikulari għall-għarfien ta' l-evoluzzjoni taddinja, għandhom jiġu ppreservati.

Artikolu 7

L-użu ekonomiku u prudenti tal-ħamrija

1. Waqt it-twaqqif ta' l-implimentazzjoni tal-pjani u/jew programmi msemmija fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 9 tal-Protokoll "Ippjanar tat-territorju u żvilupp sostenibbli" għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-ħtiġijiet tal-protezzjoni tal-ħamrija, b'mod partikulari l-użu ekonomiku ta' l-art u tas-superfiċji.

2. Sabiex tkun limitata l-impermeabbiltà u l-okkupazzjoni tal-ħamrija, il-Partijiet Kontraenti jieħdu ħsieb l-użu tal-metodi ta' kostruzzjoni li jagħmlu ekonomija mis-superfiċji u jagħmlu użu ekonomiku tal-ħamrija. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-urbanizzazzjoni, dawn jikkunsidraw preferibbilment iż-żoni interni u jillimitaw l-espansjoni ta' l-agglomerazzjonijiet.

3. Għall-istudji ta' impatt fuq l-ambjent u ż-żona ta' proġetti kbar fil-qasam ta' l-industrija, tal-kostruzzjoni u ta' l-infrastruttura l-aktar tat-trasport, ta' l- enerġija u tat-turiżmu, għandu jittieħed in konsiderazzjoni fl-ambitu tal-proċeduri nazzjonali, il-protezzjoni tal-ħamrijat u tan-nuqqas ta' superfiċji li tinsab fiż-żona Alpina.

4. Meta l-kondizzjonijiet naturali jippermettu, il-ħamrija li m'għadhiex tiġi wżata jew li l-użu tagħha nbidel, m'mod partikulari l-miżbliet, il-gagazza, l-infrastrutturi, il-mogħdijiet ta' l-iski għandhom jinholqu mill-ġdid jew jkunu kkultivati mill-ġdid.

Artikolu 8

L-użu ekonomiku u estrazzjoni ta' materji prima fl-użu ekonomiku tal-ħamrija

1. Il-Partijiet Kontraenti jħarsu utilizzazzjoni ekonomika tal-materji prima maħruġa mill-ħamrija. Huma jagħmlu mezz li jiġu wżati bi preferenza prodotti ta' sostituzzjoni u li l-possibbiltajiet ta' riċiklaġġ jintużaw kemm jista' jkun jew li l-iżvilupp tagħhom jiġi inkuraġġat.

2. Fl-esplojtazzjoni, it-trattament u l-użu tal-materji prima estratti mill-ħamrija, għandha titnaqqas kemm jista' jkun il-ħsara lill-funzjonijiet l-oħra tal-ħamrija. Fiż-żoni li jippreżentaw interess partikulari għall-protezzjoni tal-funzjonijiet tal-ħamrija u fiż-żoni destinati għall-ġbir ta' l-ilma għax-xorb, ma'għandhiex issir l-estrazzjoni tal-materji prima.

Artikolu 9

Preżervazzjoni tal-ħamrija ta' żoni ta' artijiet mistagħdra u ta' xagħri

1 Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jippreżervaw ix-xagħri għoljin kif ukoll dawk baxxi. Għal dan l-għan, hu meħtieġ li l-użu tat-torba jitwaqqaf fit-terminu medju.

2. Fl-artijiet mistagħdra u fix-xagħri, miżuri ta' dranaġġ għandhom ikunu limitati biss għaż-żamma tan-*networks* eżistenti ħlief f'każijiet eċċezzjonali ġustifikati. Miżuri sabiex żoni li diġà għandhom sistema ta' dranaġġ jinġiebu lura għall-istat naturali tagħhom għandhom jiġu nkuraġġuti.

3. Bħala regola ġenerali, l-artijiet mistagħdra ma'għandhomx jiġu wżati jew jekk dawn qed jiġu wżati għall-agrikultura, għandhom jintużaw b'mod li jżommu l-ispeċifiċità tagħhom.

Artikolu 10

Delimitazzjoni u trattament taż-żoni ta' riskju

1. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li jfasslu mappi taż-żoni ta' l-Alpi mminaċċjati minn riskji ġeoloġiċi, idroġeoloġiċi u idroloġiċi, b'mod partikulari minn ċaqliq ta' l-art (massa ta' blat, massa ta' tajn, twaqqigħ ta' blat li jinqata' u jitgerbeb 'l isfel), valangi u għargħar, li jirreġistraw dawn iż-żoni u, jekk hu meħtieġ, li jsemmu ż-żoni ta' riskju. Jekk applikabbli, ir-riskji sismiċi għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

2. Il-Partijiet Kontraenti jieħdu ħsieb li fejn hu possibbli tekniki ta' inġinerija kompatibbli man-natura jiġu implimentati fiż-żoni ta' riskju u li jiġu wżati materjali lokali u tradizzjonali adattati għall-kondizzjonijiet ta' pajsaġġ. Dawn il-miżuri għandhom jiġu sostnuti minn miżuri ta' silvikultura xierqa.

Artikolu 11

Delimitazzjoni u trattament taż-żoni ta' l-Alpi mminaċċjati mill-erożjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li jfasslu mappa taż-żoni ta' l-Alpi effettwati minn ħofor ta' erożjoni u jirreġistraw il-ħamrija skond kriterji komparabbli kwantitattivi ta' l-erożjoni tal-ħamrija, jekk dan hu meħtieġ għall-protezzjoni ta' l-oġġetti materjali.

2. L-erożjoni tal-ħamrija għandha tiġi limitata għall-minimu assolut. Is-superfiċji li saretilhom ħsara mill-erożjoni u ċ-ċaqliq ta' l-art għandhom jiġu rriabilitati kemm jista' jkun għall-protezzjoni tal-bniedem u ta' l-oġġetti materjali.

3. Bil-ħsieb tal-protezzjoni tal-bniedem u ta' l-oġġetti materjali, għandhom kemm jista' jkun jintużaw tekniki kompatibbli man-natura fil-qasam ta' l-idroloġija, ta' l-inġinerija u ta' l-esplojtazzjoni forestarja sabiex titwaqqaf l-erożjoni kkawżata mill-ilmijiet u sabiex jitnaqqas l-impatt ta' l-ilma ġieri.

Artikolu 12

Agrikultura, l-ekonomija tar-ragħa ta' l-annimali u l-ekonomija forestarja

1. Għall-protezzjoni kontra l-erożjoni u l-munzelli ta' ħsara għall-ħamrija, il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jużaw prattika tajba fl-agrikultura, l-ekonomija tar-ragħa ta' l-annimali u l-ekonomija forestarja, adattata għall-kondizzjonijiet lokali.

2. Għal dak li għandu x'jaqsam mall-kontribuzzjonijiet ta' sustanzi li jiġu mill-użu ta' fertilizzanti jew minn prodotti fitosanitarji, il-Partijiet Kontraenti jimmiraw li jelaboraw u li jimplimentaw kriterji komuni għal prattika teknika tajba. In-natura, il-kwantità kif ukoll iż-żmien tal-fertilizzazzjoni għandhom ikunu adattati għall-ħtiġijiet tal-pjanti, billi jkunu kkunsidrati n-nutrijenti disponibbli fil-ħamrija u l-materja organika, kif ukoll il-kondizzjonijiet u l-post tal-kultivazzjoni. Dan jintlaħaq permezz ta' l-użu ta' metodi ekoloġiċi/bijoloġiċi u integrati tal-produzzjoni u d-determinazzjoni ta' massimi ta' sustanzi organiċi skond kondizzjonijiet naturali tal-post u ta' l-iżvilupp tal-pjanti.

3. F'mergħat ta' l-Alpi, l-użu ta' fertilizzanti minerali u ta' prodotti fitosanitarji sintetiċi għandhom notevolment jiġu mminimizzati. Ma'għandhiex tibqa' tintuża l-ħama tad-draenaġġ.

Artikolu 13

Miżuri ta' silvikultura u oħrajn

1. Fil-foresti tal-muntanji li jipproteġu b'mod wiesa' s-sit tagħhom, u l-aktar tal-postijiet fejn jgħixu n-nies, ta' l-infrastruttura tat-trasport, taż-żoni kultivati u oħrajn, il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jagħtu l-prijorità lil din il-funzjoni protettiva u li jorjentaw il-ġestjoni forestarja tagħhom għal dan l-objettiv ta' protezzjoni. Dawn il-foresti tal-muntanji għandhom jiġu kkonservati fil-post.

2. B'mod partikulari l-foresta għandha tiġi esplojtjata u miżmuma b'mod li tiġi evitata l-erożjoni tal-ħamrija u tal-munzelli ta' ħsara għall-ħamrija. Għal dan l-għan, għandhom jiġu inkuraġġuti s-silvikultura adattata u r-riġenerazzjoni naturali tal-foresti.

Artikolu 14

L-impatti ta' infrastrutturi turistiċi

1. Il-Partijiet Kontraenti se jaħdmu bl-aktar mod xieraq sabiex:

— l-impatti negattivi ta' l-attivitajiet turistiċi fuq il-ħamrija ta' l-Alpi jiġu evitati;

— il-ħamrija ddanniġġata minħabba fl-esplojtazzjoni turistika intensa tkun stabilizzata, lnotevolment u kemm hu possibbli, permezz tar-restawr tal-qoxra veġetali u permezz ta' l-użu ta' tekniki ta' inġinerija qrib tan-natura. L-użu ulterjuri għandu jkun immirat b'mod li tali ħsara ma terġax isseħħ.

— Il-permessi ta' bini u ta' livellar tal-mogħdijiet ta' l-iski ma'għandhomx jingħataw ħlief b'mod eċċezzjonali fil-foresti li għandhom funzjoni ta' protezzjoni u meta miżuri kompensatorji jkunu mħaddma, u li l-ebda permess ma'għandu jingħata fiż-żoni instabbli.

2. L-addittivi kimiċi u bijoloġiċi użati fil-preparazzjoni tal-mogħdijiet se jiġu tollerati biss jekk tiġi ċċertifikata l-kompatibbilità tagħhom ma' l-ambjent.

3. F'każ fejn jinstabu li jeżistu ħsarat serji lill-ħamrija u lill-veġetazzjoni, il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu, fl-aqsar żmien possibbli, il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi rrimedjata din is-sitwazzjoni.

Artikolu 15

Limitazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' sustanzi ta' tniġġis

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jintraprendu l-isforzi kollha sabiex inaqqsu kemm jista' jkun u b'mod preventiv il-kontribuzzjonijiet ta' sustanzi li jagħmlu l-ħsara lill-ħamrija mill-atmosfera, l-ilmijiet, l-iskart u s-sustenzi ta' ħsara għall-ambjent. Il-miżuri li jillimitaw l-emissjonijiet fis-sorsi tagħhom se jkunu pprivileġġati.

2. Sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ħamrija li ġejja mill-użu ta' sustanzi perikolużi, il-Partijiet Kontraenti għandhom jadottaw dispożiżżjonijiet tekniċi, li jeffettwaw kontrolli u li jimplimentaw programmi ta' riċerka u ta' azzjonijiet ta' informazzjoni.

Artikolu 16

L-użu ekoloġiku tal-prodotti li jdewbu s-silġ u tar-ramel

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jimminimizzaw l-użu tal-melħ li jħoll u li jużaw, kemm jista' jkun, prodotti kontra ż-żliq u li jagħmlu anqas ħsara bħaż-żrar u r-ramel.

Artikolu 17

Ħamrija kkontaminata, siti li ilhom ikkontaminati, programm ta' ġestjoni ta' l-iskart

1. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jirreġistraw u li jiddeskrivu s-siti antiki tagħhom li ġew imniġġsa u s-superfiċji li għalihom għad hemm suspetti ta' tniġġis (inventarju ta' siti li ilhom ikkontaminati), sabiex jiġi eżaminat l-istat tas-superfiċji u sabiex jiġu evalwati, permezz ta' l-użu ta' metodi komparabbli, ir-riskji li dawn jippreżentaw.

2. Sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ħamrija u bil-ħsieb ta' trattament ta' qabel, ta' trattament u ta' depożitu ta' l-iskart u tar-residwi li huma kompatibbli ma' l-ambjent, programmi ta' mmaniġġjar ta' l-iskart għandhom jiġu elaborati u implimentati.

Artikolu 18

Miżuri kumplimentarji

Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jieħdu miżuri kumplimentarji għal dawk maħsuba minn dan il-protokoll, għall-protezzjoni tal-ħamrija.

KAPITOLU III

RIĊERKA, FORMAZZJONI U INFORMAZZJONI

Artikolu 19

Riċerka u osservazzjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti jinkuraġġixxu u jarmonizzaw, f'kollaborazzjoni mill-qrib, ir-riċerka u l-osservazzjoni sistematika li tidher li hi utli sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Protokoll.

2. Il-Partijiet Kontraenti jaraw li r-riżultati nazzjonali tar-riċerka u ta' l-osservazzjoni sistematika jkunu integrati f'sistema komuni ta' osservazzjoni u ta' informazzjoni permanenti u li tkun aċċessibbli għall-pubbliku fl-ambitu istituzzjonali eżistenti.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkoordinaw il-proġetti Alpini ta' riċerka tagħhom dwar il-protezzjoni tal-ħamrija billi jieħdu in konsiderazzjoni evoluzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali ta' riċerka oħra u għandhom il-ħsieb li jwettqu attivitajiet ta' riċerka komuni.

4. Attenzjoni partikulari se tkun merfugħa għall-evalwazzjonijiet ta' vulnerabbilità tal-ħamrija vis-à-vis attivitajiet diversi tal-bniedem, għall-evalwazzjonijiet tal-kapaċità tagħhom għar-riġenerazzjoni, kif ukoll għall-istudju tat-tekniki korrispondenti li huma l-aktar adatti.

Artikolu 20

It-twaqqif ta' bażijiet tad-data armonizzati

1. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li joħolqu, fl-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni u ta' Osservazzjoni ta' l-Alpi, bażijiet tad-*data* komparabbli (parametri pedoloġiċi, teħid ta' kampjuni, metodi ta' analiżi, evalwazzjoni) u l-possibbiltà ta' skambju ta' *data*.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jilħqu ftehim dwar is-sustanzi perikolużi għall-ħamrija li għandhom jiġu analiżżati l-ewwel, u għandhom ifittxu li jsibu kriterji ta' evalwazzjoni komparabbli.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jimmiraw sabiex jirreġistraw il-ħamrijat fiż-żona Alpina b'mod rappresentattiv, fuq l-istess bażijiet ta' apprezzament u jsegwu metodi armonizzati, billi jikkunsidraw is-sitwazzjoni ġeoloġika u idroloġika.

Artikolu 21

Il-ħolqien ta' erjas ta' osservazzjoni permanenti u ta' koordinazzjoni ta' l-osservazzjoni ta' l-ambjent

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom joħolqu, fiż-żona Alpina, erjas ta' osservazzjoni permanenti (kontroll u insegwiment tekniku) u li jintegrawhom f'*network* pan-Alpin ta' osservazzjoni tal-ħamrijat.

2. Il-Partijiet Kontraenti ftiehmu li jikkoordinaw l-osservazzjoni nazzjonali tal-ħamrija ma' l-istituzzjonijiet ambjentali fis-setturi ta' l-arja, l-ilma, il-flora u l-fawna.

3. Fl-ambitu ta' dawn l-istudji, il-Partijiet Kontraenti għandhom iwaqqfu banek ta' kampjuni tal-ħamrija skond kriterji komparabbli.

Artikolu 22

Formazzjoni u informazzjoni

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiffavorixxu l-formazzjoni inizjali u kontinwa kif ukoll l-informazzjoni tal-pubbliku għal dak li jikkonċerna l-objettivi, il-miżuri u l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

KAPITOLU IV

IMPLIMENTAZZJONI, KONTROLL U EVALWAZZJONI

Artikolu 23

Implimentazzjoni

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jassiguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll billi jieħdu l-miżuri kollha xierqa fl-ambitu istituzzjonali eżistenti.

Artikolu 24

Kontroll tar-rispett ta' l-obbligi

1. Il-Partijiet Kontraenti jagħmlu rapport regolari lill-Kumitat Permanenti dwar il-miżuri meħuda bis-saħħa ta' dan il-Protokoll. Ir-rapporti jittrattaw ukoll il-kwistjoni ta' l-effikaċità tal-miżuri meħuda. Il-Konferenza Alpina tiddetermina l-perjodiċità tar-rapporti.

2. Il-Kumitat Permanenti jeżamina dawn ir-rapporti sabiex jivverifika li l-Partijiet Kontraenti wettqu l-obbligi tagħhom li jaqgħu taħt dan il-Protokoll. Dan jista' wkoll jitlob lill-Partijiet Kontraenti kkonċernati informazzjoni kumplimentarja jew jista' jirrikorri għal sorsi ta' informazzjoni oħra.

3. Il-Kumitat Permanenti għandu jħejji rapport għall-Konferenza Alpina dwar ir-rispett, mill-Partijiet Kontraenti, ta' l-obbligi li jaqgħu taħt dan il-Protokoll.

4. Il-Konferenza Alpina għandha tieħu nota ta' dan ir-rapport. Jekk din tara li kien hemm xi ksur ta' l-obbligi, din tista' tadotta rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 25

Evalwazzjoni ta' l-effikaċità tad-dispożizzjonijiet

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jeżaminaw u jevalwaw, b'mod regolari, l-effikaċità tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Fil-miżura li dan ikun meħtieġ għat-twettiq ta' l-objettivi, huma għandhom jikkunsidraw l-adozzjoni ta' emendi xierqa għal dan il-Protokoll.

2. Fl-ambitu istituzzjonali eżistenti, il-kollettivitajiet territorjali huma assoċjati ma' din l-evalwazzjoni. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi f'dan il-qasam jistgħu jiġu kkonsultati.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 26

Irbit bejn il-Konvenzjoni Alpina u l-Protokoll

1. Dan il-Protokoll hu l-Protokoll tal-Konvenzjoni Alpina skond l-Artikolu 2 u artikoli oħra rilevanti tal-Konvenzjoni.

2. Ħadd ma jista' jsir Parti Kontraenti għal dan il-Protokoll jekk mhux Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Alpina. Kull rinunċja għall-Konvenzjoni Alpina tfisser ukoll rinunċja ta' dan il-Protokoll.

3. Meta l-Konferenza Alpina tiddelibera kwistjonijiet dwar dan il-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti għal dan il-Protokoll biss jistgħu jieħdu sehem fil-votazzjoni.

Artikolu 27

Firma u ratifika

1. Dan il-Protokoll hu miftuħ għall-firma ta' l-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni Alpina u tal-Komunità Ewropea fis-16 ta' Ottubru 1998 u fis-16 ta' Novembru 1998 fir-Repubblika ta' l-Awstrija bħala depositarja.

2. Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti li esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu minn l-imsemmi Protokoll tliet xhur wara d-data li fiha tliet Stati jkunu ddepożitaw l-istrument tagħhom ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni.

3. Għall-Partijiet Kontraenti li jesprimu wara dan iż-żmien il-kunsens tagħhom li jintrabtu b'dan il-Protokoll, il-Protokoll jidħol fis-seħħ wara d-data ta' depożitu ta' l-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ ta' emenda għall-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti ġodda kollha ta' l-imsemmi Protokoll isiru Partijiet Kontraenti tal-Protokoll kif emendat.

Artikolu 28

Notifiki

Id-depożitarju għandu jinnotofika lil kull Stat indikat fil-Preambolu u lill-Komunità Ewropea, għal dak li jikkonċerna dan il-Protokoll:

(a) kull firma,

(b) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni,

(ċ) kull data ta' dħul fis-seħħ,

(d) kull dikjarazzjoni magħmula minn Parti Kontraenti jew Firmatarja,

(e) kull denunċja nnotifikata minn Parti Kontraenti, inkluż id-data li fiha ssir effettiva.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati kif jixraq għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi Bled, is-16 ta' Ottubru 1998, bil-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, is-Sloven, l-erba' testi daqsinsew awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tkun depożitata fl-arkivji ta' l-Istat tar-Repubblika ta' l-Awstrija. Id-depożitarju għandu jibgħat kopja ċċertifikata lill-Partijiet firmatarji kollha.

PROTOKOLL

ta' applikazzjoni tal-konvenzjoni alpina ta' l-1991 fil-qasam ta' l-enerġija Protokoll "Enerġija"

Preambolu

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ITALJA,

IL-PRINĊIPALITÀ TA' LIECHTENSTEIN,

IL-PRINĊIPALITÀ TA' MONAKO,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA,

kif ukoll

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

B'konformità mal-missjoni tagħhom li tirriżulta mill-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-Alpi (Il-Konvenzjoni Alpina) tas-7 ta' Novembru 1991 sabiex tkun żgurata politika globali ta' protezzjoni u ta' żvilupp sostenibbli taż-żona Alpina,

Fl-applikazzjoni ta' l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu 2(2) u (3) tal-Konvenzjoni Alpina,

Konxji ta' l-importanza tat-twettiq ta' forom ta' produzzjoni, ta' distrubuzzjoni u ta' użu ta' l-enerġija li jirrispettaw n-natura u l-pajsaġġ u li huma kompatibbli ma' l-ambjent u mal-promozzjoni ta' miżuri biex tkun ekonomizzata l-enerġija;

Minħabba n-neċessità li jnaqqsu wkoll l-emissjonijiet ta' gass li għandu effet serra fiż-żona Alpina u li jirrispettaw għalhekk l-impenji tal-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-bidliet fil-klima,

Konvinti li hemm lok li jkunu armonizzati l-interessi ekonomiċi u l-eżiġenzi ekoloġiċi;

Konxji mill-fatt li ż-żona Alpina għandha importanza partikulari fil-pjan Ewropew u li hi tikkostitwixxi, f'termini ta' ġeomorfoloġija, klima, ilmijiet, veġitazzjoni, fawna, pajsaġġ u kultura, patrimonju uniku kif ukoll divers u li r-reġjun montanjuż għoli tagħha, il-widien u l-pre-Alpi huma entitajiet ambjentali li l-preservazzjoni tagħhom ma tistax tkun biss ir-responsabbiltà ta' l-Istati Alpini,

Konxji mill-fatt li l-Alpi jirrappreżentaw mhux biss iż-żona vitali u ta' xogħol tal-popolazzjoni lokali iżda għandhom ukoll importanza kbira għat-territorji extra-Alpini minħabba l-fatt notevolment li hu reġjun ta' passaġġ mhux biss tat-traffiku trans-Ewropew tal-persuni u tal-merkanzija, iżda wkoll tan-*networks* internazzjonali tad-distribuzzjoni ta' l-enerġija,

Minħabba s-sensibbiltà ambjentali taż-żona Alpina, notevolment f'dak li jikkonċerna l-attivitajiet ta' produzzjoni, ta' trasport u ta' tħaddim ta' enerġija li jinteraġixxu ma' l-aspetti inerenti tal-protezzjoni tan-natura, ta' l-immaniġġjar tat-territorju u ta' l-użu tal-ħamrija,

Minħabba l-fatt li l-preżenza ta' riskji għall-protezzjoni ta' l-ambjent, b'mod partikulari minħabba bidliet eventwali tal-klima kkawżati mill-bniedem, sar neċessarju li tingħata attenzjoni partikulari għar-rapporti mill-viċin bejn l-attivitajiet soċjali u ekonomiċi tal-bniedem u l-konservazzjoni ta' l-ekosistemi li jeħtieġu, b'mod speċjali fiż-żona Alpina, l-adozzjoni ta' miżuri adatti u diversi, bi ftehim komuni mal-popolazzjoni lokali, l-istituzzjonijiet politiċi u l-organizzazzjonijiet ekonomiċi u soċjali,

Konvinti li l-popolazzjoni lokali għandha tkun f'pożizzjoni li tiddefinixxi l-proġett ta' żvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku tagħha u li tipparteċipa fit-tħaddim tiegħu fl-ambitu istituzzjonali eżistenti,

Konvinti li ċerti problemi ma jistgħux ikunu solvuti ħlief fl-ambitu transfruntier u jeżiġu miżuri komuni mill-parti ta' l-Istati Alpini u tal-kollettivitajiet territorjali kkonċernati direttament,

Konvinti mill-fatt li s-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet ta' enerġija jirrappreżentaw fattur importanti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali, kemm fl-intern u kif ukoll fl-estern taż-żona Alpina,

Konxi mill-importanza ta' l-użu u ta' l-iżvilupp ulterjuri ta' strumenti ekonomiċi li bis-saħħa tagħhom l-ispejjeż veri se jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati aħjar fil-kalkolu tal-prezzijiet ta' l-enerġija,

Konvinti mill-fatt li ż-żona Alpina tikkontribwixxi b'mod sostenibbli li jkunu milħuqa l-ħtiġijiet ta' l-enerġija fl-ambitu Ewropew u li hi stess għandha jkollha, minbarra r-riżorsi suffiċjenti ta' ilma ħelu, riżorsi ta' enerġija suffiċjenti biex jittejbu l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien tal-popolazzjonijiet u ta' l-produttività ekonomika,

Konvinti mill-fatt li ż-żona Alpina għandha rwol partikularment importanti għall-interkonnessjoni tas-sistemi ta' enerġija fil-pajjiżi Ewropej,

Konvinti mill-fatt li fiż-żona Alpina, miżuri bl-iskop ta' użu razzjonali ta' l-enerġija u ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi ta' l-ilma u ta' l-injam, jikkontribwixxu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-enerġija fl-ambitu ta' l-ekonomija nazzjonali u li l-użu tal-bijomassa u ta' l-enerġija tax-xemx għandhom importanza li qed tiżdied,

JAQBLU DWAR DAN LI ĠEJ:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Objettivi

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li joħolqu kondizzjonijiet-qafas u li jadottaw miżuri fil-qasam ta' l-ekonomija ta' l-enerġija, tal-produzzjoni, tat-trasport, tad-distribuzzjoni u ta' l-użu ta' l-enerġija fl-ambitu ta' applikazzjoni territorjali tal-Konvenzjoni Alpina adatti biex tkun imwettqa sitwazzjoni ta' enerġija bi żvilupp sostenibbli, kompatibbli mal-limiti speċifiċi ta' tolleranza taż-żona Alpina; billi jagħmlu dan, il-Partijiet Kontraenti se jagħtu kontribuzzjoni importanti għall-protezzjoni tal-popolazzjoni u l-ambjent, u għas-salvagwardar tar-riżorsi u tal-klima.

Artikolu 2

Impenji fundamentali

(1) B'konformità ma' dan il-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti jimmiraw notevolment biex:

(a) jarmonizzaw il-planifikazzjoni ta' l-ekonomija ta' l-enerġija mal-pjan ta' mmaniġġjar ġenerali tagħhom taż-żona Alpina;

(b) jadottaw is-sistemi ta' produzzjoni, ta' trasport u ta' distribuzzjoni ta' l-enerġija bl-iskop ta' ottimizzazzjoni ġenerali tas-sistema ta' infrastrutturi fiż-żoni Alpini, billi jikkunsidraw il-ħtiġijiet tal-protezzjoni ta' l-ambjent;

(ċ) jillimitaw l-impatti li joriġinaw mill-enerġija fuq l-ambjent billi jottimizzaw il-provvista tas-servizzi lill-klijenti finali ta' l-enerġija billi jadottaw, fost l-oħrajn u safejn hu possibbli, il-miżuri li ġejjin:

— it-tnaqqis tal-ħtiġijiet ta' enerġija bis-saħħa ta' tħaddim ta' teknoloġiji aktar effikaċi;

— użu aktar vast għall-ħtiġijiet ta' enerġija li jkun għad baqa' bżonnha permezz ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

— l-ottimizzazzjoni ta' l-istallazzjonijiet eżistenti għall-produzzjoni ta' enerġija bbażata fuq sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli;

(d) jillimitaw l-effetti negattivi ta' l-infrastruttura ta' l-enerġija fuq l-ambjent u tal-pajsaġġ, li jinkludu dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-immaniġġjar ta' l-iskart, permezz ta' l-adozzjoni ta' miżuri preventivi għall-infrastrutturi ġodda u, jekk neċessarju, jirrikorru għal intervenzjonijiet ta' ammeljorazzjoni fl-istallazzjonijiet eżistenti.

2. F'każ ta' kostruzzjoni ta' infrastrutti kbar ġodda ta' enerġija u ta' tkabbir importanti tal-kapaċità ta' dawk eżistenti, il-Partijiet Kontraenti, fl-ambitu tal-liġi fis-seħħ, jippoċedu fl-evalwazzjoni ta' l-impatti fuq l-ambjent Alpin u fl-evalwazzjoni ta' l-effetti tagħhom mil-lat territorjali u soċjo-ekonomiku, b'konformità ma' l-Artikolu 12. F'każ ta' proġetti li jistgħu jkollhom effetti li jaqsmu l-fruntieri, il-Partijiet jirrikonoxxu l-liġi ta' konsultazzjoni fil-livell internazzjonali.

3. Huma jikkunsidraw fil-politika ta' l-enerġija tagħhom il-fatt li ż-żona Alpina hi lesta għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jinkuraġġixxu l-kollaborazzjoni reċiproka fis-sehem tal-programmi ta' żvilupp f'dan il-qasam.

4. Il-Partijiet Kontraenti jippreżervaw iż-żoni protetti permezz taż-żoni ta' lqigħ tagħhom, iż-żoni l-oħra ta' protezzjoni u ta' trankwillità kif ukoll iż-żoni intatti mil-lat tan-natura u tal-pajsaġġ; huma jottomizzaw l-infrastruttura ta' l-enerġija skond il-livelli differenti ta' vulnerabbiltà, ta' tolleranza u ta' deterjorazzjoni li jkunu għaddejjin fl-ekosistema Alpina.

5. Il-Partijiet Kontraenti huma konxji mill-fatt li politika adatta ta' riċerka u ta' żvilupp li timmanifesta lilha nfisha permezz ta' miżuri preventivi u ta' ammeljorazzjoni tista' twassal kontribuzzjoni importanti għall-protezzjoni ta' l-Alpi kontra l-impatti ta' l-infrastrutturi ta' l-enerġija fuq l-ambjent. Huma jinkuraġġixxu azzjonijiet ta' riċerka u ta' żvilupp f'din id-direzzjoni u jgħaddu lil xulxin ir-riżultati importanti.

6. Il-Partijiet Kontraenti jikkooperaw bl-iskop li jiżviluppaw f'dan il-qasam ta' l-enerġija metodi biex ikunu kkunsidrati aħjar l-ispejjeż veri.

Artikolu 3

Konformità mal-liġi internazzjonali u mal-politiki l-oħra

1. It-tħaddim ta' dan il-Protokoll se jkun implimentat b'konformità man-normi legali internazzjonali fis-seħħ, partikularment dawk tal-Konvenzjoni Alpina u tal-Protokolli abbozzati bl-applikazzjoni tiegħu kif ukoll ma' l-akkordji internazzjonali fis-seħħ.

2. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jikkunsidraw ukoll l-objettivi ta' dan il-Protokoll fil-politiki l-oħra tagħhom, b'mod partikulari fl-oqsma ta' l-immaniġġjar tat-territorju u ta' l-iżvilupp reġjonali, tat-trasporti, ta' l-agrikultura u tas-silvikultura kif ukoll tat-turiżmu bl-iskop li jkunu evitati l-effetti negattivi jew kontradittorji fiż-żona Alpina.

Artikolu 4

Il-Parteċipazzjoni tal-kollettivitajiet territorjali

1. Fl-ambitu istituzzjonali eżistenti, kull Parti Kontraenti tiddetermina l-aħjar livell ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-kollettivitajiet territorjali direttament ikkonċernati sabiex jippromwovu solidarjetà fir-responsabbiltà, notevolment biex jesplojtjaw u jiżviluppaw is-sinerġiji fl-applikazzjoni tal-politki ta' l-enerġija fiż-żona Alpina kif ukoll fit-tħaddim tal-miżuri li jirriżultaw minnhom.

2. Il-kollettivitajiet territorjali direttament ikkonċernati huma parteċipanti fil-fażijiet differenti ta' preparazzjoni u ta' tħaddim ta' dawn il-politiki u miżuri fir-rigward tal-kompetenzi tagħhom, fl-ambitu istituzzjonali fis-seħħ.

3. Il-Partijiet Kontraenti jinkuraġġixxu l-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-istituzzjonijiet direttament ikkonċernati bill-problemi marbuta ma' l-enerġija u l-ambjent bl-iskop li jiffavorixxu ftehim dwar is-soluzzjonijiet għall-problemi komuni.

KAPITOLU II

MIŻURI SPEĊIFIĊI

Artikolu 5

Iffrankar ta' enerġija u użu razzjonali ta' l-enerġija

1. Iż-żona Alpina teħtieġ miżuri speċifiċi għall-użu ekonomiku ta' l-enerġija, għad-distribuzzjoni u l-użu razzjonali tagħha; dawn il-miżuri għandhom jikkunsidraw:

(a) il-ħtiġijiet ta' enerġija li huma mifruxin fuq territorji vasti u li huma varjabbli ħafna skond l-altitudni, l-istaġuni u l-eżiġenzi turistiċi;

(b) id-disponibbiltà lokali tar-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(ċ) l-impatt partikulari ta' l-inserzjonijiet atmosferiċi fuq l-għadajjar u l-widien, minħabba l-konfigurazzjoni tagħhom ġeomorfoloġiċi.

2. Il-Partijiet Kontraenti jaraw li jtejbu l-kompatibbiltà ambjentali ta' l-użu ta' l-enerġija u jinkuraġġixxu bħala prijorità l-ekonomiji u l-użu razzjonali ta' l-enerġija, b'mod partikulari f'dak li jikkonċerna l-proċessi ta' produzzjoni, is-servizzi pubbliċi u l-infrastrutturi tal-lukandi l-kbar, kif ukoll fl-istallazzjoni tat-trasport, ta' l-attivitajiet sportivi u tal-mogħdija taż-żmien.

3. Huma jadottaw miżuri u dispożizzjonijiet, b'mod partikulari fl-oqsma li ġejjin:

(a) fit-titjib ta' l-iżolazzjoni tal-bini u ta' l-effikaċità tas-sistemi tad-distribuzzjoni tas-sħana;

(b) fl-ottimizzazzjoni tal-produttività ta' l-istallazzjonijiet tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u ta' l-arja kondizzjonata;

(ċ) fil-kontroll perjodiku u fit-tnaqqis, f'każ ta' ħtieġa, ta' l-emissjonijiet li jniġġsu ta' l-istallazzjonijiet termiċi;

(d) fl-iffrankar ta' l-enerġija bis-saħħa ta' proċessi teknoloġiċi moderni għall-użu u t-trasformazzjoni ta' l-enerġija;

(e) fil-kalkoli individwali ta' l-ispejjeż tat-tisħin u tal-misħun;

(f) fil-planifikazzjoni u l-promozzjoni ta' bini ġdid li juża teknoloġiji li jikkonsmaw enerġija baxxa;

(g) fil-promozzjoni u tħaddim ta' proġetti ta' enerġija u klimatiċi munċipali/lokali b'konformità mal-miżuri previsti fl-Artikolu 2 inċiż 1.c;

(h) fit-titjib ta' l-enerġija tal-bini f'każ ta' rinnovazzjoni u fl-inkuraġġiment għall-użu ta' sistemi ta' tisħin li jirrispettaw l-ambjent.

Artikolu 6

Riżorsi ta' enerġija rinnovabbli

1. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu, skond il-limiti tar-riżorsi finanzjarji tagħhom, li jippromwovu u li jużaw preferibbilment riżorsi ta' enerġija rinnovabbli skond metodi li jirrispettaw l-ambjent u l-pajsaġġ.

2. Huma jinkuraġġixxu wkoll l-użu ta' istallazzjonijiet deċentralizzati għall-esplojtazzjoni tar-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli bħall-ilma, ix-xemx u l-bijomassa.

3. Il-Partijiet Kontraenti jinkuraġġixxu l-użu tar-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli, anki kkombinati mal-provvista konvenzjonali eżistenti.

4. Il-Partijiet Kontraenti jinkuraġġixxu, b'mod partikulari, l-użu razzjonali tar-riżorsi ta' l-ilma u ta' l-injam li jirriżultaw minn immaniġġjar sostenibbli tal-foresti tal-muntanji għall-produzzjoni ta' l-enerġija.

Artikolu 7

Enerġija idroelettrika

1. Il-Partijiet Kontraenti jassiguraw iż-żamma tal-funzjonijiet ekoloġiċi tal-kanali ta' l-ilma u l-integrità tal-pajsaġġi permezz ta' miżuri adatti, fosthom li jkun stabbilit il-ħruġ minimu ta' ilma, it-tħaddim ta' normi sabiex ikunu mnaqqsa l-varjazzjonijiet artifiċjali tal-livell ta' l-ilma u l-garanzija tal-migrazzjoni tal-fawna, fil-każ ta' ċentri idroelettriċi ġodda u meta dan hu possibbli, għal dawk li diġà jeżistu.

2. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jadottaw miżuri li jimmiraw biex jammeljoraw il-kompetittività taċ-ċentri idroelettriċi eżistenti billi jirrispettaw in-normi ta' sigurtà u n-normi ambjentali tagħhom.

3. Huma jwiegħdu barra minn hekk li jissalvagwardaw ir-riżorsi ta' l-ilmijiet fiż-żoni riżervati għall-ilma ħelu, fiż-żoni protetti miż-żoni ta' lqigħ tagħhom, iż-żoni l-oħra protetti u għat-trankwillità, kif ukoll fiż-żoni intatti mil-lat tan-natura u tal-pajsaġġ.

4. Il-Partijiet Kontraenti jirrakkomandaw il-ftuħ mill-ġdid taċ-ċentri idroelettriċi li mhumiex użati minflok il-kostruzzjoni ta' oħrajn ġodda. Id-dispożizzjoni ta' l-inċiż (1) li tikkonċerna s-salvagwardar ta' l-ekosistemi akwatiċi u ta' sistemi oħra kkonċernati japplika wkoll għall-ftuħ mill-ġdid ta' ċentri idroelettriċi eżistenti.

5. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu, fl-ambitu tal-leġislazzjoni nazzjonali, jeżaminaw kif huma jistgħu jġiegħlu jħallsu lill-konsumaturi finali tar-riżorsi Alpini prezzijiet konformi mas-suq u kif is-servizzi pprovduti mill-popolazzjoni lokali fl-interess ġenerali jistgħu jkunu kkumpensati b'mod ġust.

Artikolu 8

Enerġija minn kumbustibbli ffossilizzati

1. Il-Partijiet Kontraenti jiggarantixxu li, fil-każ ta' istallazzjonijiet termiċi ġodda li jużaw kumbustibbli ffossilizzati għall-produzzjoni ta' l-enerġija elettrika u/jew għat-tisħin, ikunu hemm rikorriment għall-aħjar tekniki disponibbli. Għall-istallazzjonijiet eżistenti fiż-żona Alpina, il-Partijiet Kontraenti jillimitaw l-emissjonijiet safejn hu possibbli permezz ta' l-użu ta' teknoloġiji u/jew ta' kumbustibbli adatti.

2. Il-Partijiet Kontraenti jivverifikaw il-possibbiltà teknika u ekonomika kif ukoll il-kompatibbiltà ambjentali tas-sostituzzjoni ta' istallazzjonijiet termiċi li jużaw kumbustibbli ffossilizzati b'istallazzjonijiet li jużaw enerġija rinnovabbli u b'istallazzjonijiet deċentralizzati.

3. Il-Partijiet Kontraenti jadottaw miżuri li għandhom jiffavorixxu l-koġenerazzjoni għal użu aktar razzjonali ta' l-enerġija.

4. Fiż-żoni tal-fruntieri, il-Partijiet Kontraenti jarmonizzaw u jikkonnettjaw, kemm jista' jkun possibbli, is-sistemi tagħhom ta' kontroll ta' l-emissjonijiet u ta' l-inserzjonijiet.

Artikolu 9

Enerġija nukleari

1. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu, fl-ambitu tal-konvenzjonijiet internazzjonali, li jgħaddu lil xulxin l-informazzjoni kollha dwar iċ-ċentralijiet u l-istallazzjonijiet nukleari li għandhom – jew għad jista' jkollhom – konsegwenzi fiż-żona Alpina, bl-iskop li jipproteġu għal tul taż-żmien is-saħħa tal-popolazzjoni, il-fawna, il-flora, u l-bijoċenosi tagħhom, l-abitat u l-interazzjonijiet tagħhom.

2. Barra minn dan, il-Partijiet Kontraenti jassiguraw, kemm hu possibbli, l-armonizzazzjoni u l-konnessjoni tas-sistemi tagħhom ta' sorveljanza tar-radjuattività ambjentali.

Artikolu 10

Trasport u distribuzzjoni ta' enerġija

1. Għall-infrastrutturi kollha eżistenti, il-Partijiet Kontraenti billi jkomplu jsegwu r-razzjonalizzazzjoni u l-ottimizzazzjoni, billi jikkunsidraw l-eżiġenzi tal-protezzjoni ta' l-ambjent u notevolment, tan-neċessità tal-konservazzjoni ta' l-ekosistemi sensibbli ħafna u tal-pajsaġġ filwaqt li jieħdu, jekk ikun hemm bżonn, miżuri ta' protezzjoni tal-popolazzjoni u ta' l-ambjent Alpina.

2. F'każ ta' kostruzzjoni ta' linji tat-trasport ta' enerġija elettrika u ta' stazzjonijiet elettriċi li jikkonċernawhom, kif ukoll l-katusi li jġorru ż-żejt u l-gass, li jinkludu l-istazzjonijiet ta' l-ippumpjar u tal-kompressjoni u l-istallazzjonijiet li għandhom importanza kbira mil-lat ta' l-ambjent, il-Partijiet Kontraenti jħaddmu il-miżuri neċessarji sabiex jevitaw l-inkonvenjenzi lill-popolazzjoni u lill-ambjent, li jinkludu, jekk possibbli, l-użu ta' faċilitajiet u ta' linji li diġà huma eżistenti.

3. F'dak li jikkonċerna l-linji tat-trasport ta' enerġija elettrika, il-Partijiet Kontraenti jikkunsidraw b'mod partikulari l-importanza taż-żoni protetti maż-żoni ta' lqigħ tagħhom, ta' żoni oħra protetti u ta' trankwillità, kif ukoll taż-żoni intatti mil-lat tan-natura u tal-pajsaġġ, kif ukoll il-ħajja ta' l-għasafar.

Artikolu 11

Rinaturalizzazzjoni u enġinerija ambjentali

Il-Partijiet Kontraenti jistabbilixxu fl-istudji pilota tagħhom u fl-istudji dwar l-impatt ambjentali previsti skond il-leġislazzjonijiet fis-seħħ il-klawsoli dwar ir-rinaturalizzazzjoni tas-siti u ta' l-ambjenti akwatiċi wara t-twettiq ta' xogħlijiet pubbliċi jew privati fil-qasam ta' l-enerġija li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u ma' l-ekosistemi fiż-żona Alpina, billi jirrikorru, kemm jista' jkun possibbli, għal tekniċi ta' inġinerija ambjentali.

Artikolu 12

Evalwazzjoni ta' l-impatt fuq l-ambjent

1. Il-Partijiet Kontraenti se jwettqu fl-ambitu tal-leġislazzjonijiet nazzjonali fis-seħħ, konvenzjonijiet u akkordji internazzjonali, evalwazzjoni inizjali ta' l-impatt fuq l-ambjent għal kull proġett ta' istallazzjoni ta' l-enerġija indikati fl-Artikoli 7, 8, 9 u 10 ta' dan il-Protokoll u għal kull tibdil sussegwenti ta' dawn l-istess istallazzjonijiet.

2. Il-Partijiet Kontraenti jagħrfu l-parir li jadottaw, kemm jista' jkun possibbli, l-aħjar tekniki disponibbli sabiex jeliminaw jew jevitaw l-impatt fuq l-ambjent billi jipprevedu, eventwalment, it-tneħħija ta' l-istallazzjonijiet li ma jkunux qed jintużaw li ma jirrispettawx l-ambjent.

Artikolu 13

Djalogu

1. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jikkunsultaw lil xulxin inizjalment dwar il-proġetti li jista' jkollhom effetti li jaqsmu l-fruntieri f'dak li jikkonċerna l-impatti tagħhom.

2. F'dak li jikkonċerna l-proġetti li jista' jkollhom effetti li jittraxxendu l-fruntieri, il-Partijiet Kontraenti kkonċernati jistgħu jifformulaw fi żmien xieraq ir-rimarki li tagħhom se tittieħed kunsiderazzjoni b'mod adatt fil-fażi ta' l-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet.

Artikolu 14

Miżuri kumplementarji

Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jieħdu miżuri kumplementarji għal dawk maħsuba minn dan il-Protokoll dwar l-enerġija u l-iżvilupp sostenibbli.

KAPITOLU III

RIĊERKA, FORMAZZJONI U INFORMAZZJONI

Artikolu 15

Riċerka u osservazzjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti jinkuraġġixxu u jarmonizzaw, permezz ta' kollaborazzjoni mill-viċin u billi jikkunsidraw ir-riżultati diġà akkwistati għad-diversi livelli nazzjonali u internazzjonali, ir-riċerka u l-osservazzjoni sistematika sabiex jitwettqu l-objettvi ta' dan il-Protokoll; partikularment f'dak li jikkonċerna l-metodi u l-kriterji ta' analiżi u ta' evalwazzjoni ta' l-impatti fuq l-ambjent u l-klima, kif ukoll it-teknoloġiji speċifiċi għall-iffrankar ta' l-enerġija u l-użu razzjonali tagħha fiż-żona Alpina.

2. Huma jikkunsidraw ir-riżultati tar-riċerka fil-proċess ta' definizzjoni u ta' verifikazzjoni ta' l-objettivi u tal-miżuri ta' politika ta' l-enerġija kif ukoll fl-attivitajiet ta' formazzjoni u ta' assistenza teknika fuq il-livell lokali, favur il-popolazzjoni, ta' l-operaturi ta' l-ekonomija u tal-kollettivitajiet territorjali.

3. Il-Partijiet Kontraenti jaraw li r-riżultati nazzjonali tar-riċerka u ta' l-osservazzjoni sistematika jkunu integrati f'sistema komuni ta' osservazzjoni u ta' informazzjoni permanenti u li tkun aċċessibbli għall-pubbliku fl-ambitu istituzzjonali eżistenti.

Artikolu 16

Formazzjoni u informazzjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti jiffavorixxu l-formazzjoni inizjali u kontinwa kif ukoll l-informazzjoni tal-pubbliku f'dak li huma objettivi, miżuri u ħaddim ta' dan il-Protokoll.

2. Huma jiffavorixxu partikularment l-iżvilupp ulterjuri tal-formazzjoni, tal-formazzjoni kontinwa kif ukoll ta' l-assistenza teknika fil-qasam ta' l-enerġija, li jinkludi l-protezzjoni ta' l-ambjent, tan-natura u tal-klima.

KAPITOLU IV

IMPLIMENTAZZJONI, KONTROLL U EVALWAZZJONI

Artikolu 17

Implimentazzjoni

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jaraw li jitħaddem dan il-Protokoll billi jieħdu l-miżuri kollha adatti fl-ambitu istituzzjonali eżistenti.

Artikolu 18

Kontroll tar-rispett ta' l-obbligi

1. Il-Partijiet Kontraenti jagħmlu rapport regolari lill-Kumitat Permanenti dwar il-miżuri meħuda bis-saħħa ta' dan il-Protokoll. Ir-rapporti jittrattaw ukoll il-kwistjoni ta' l-effikaċità tal-miżuri meħuda. Il-Konferenza Alpina tiddetermina l-perjodiċità tar-rapporti.

2. Il-Kumitat Permanenti jeżamina dawn ir-rapporti sabiex jivverifika li l-Partijiet Kontraenti wettqu l-obbligi tagħhom li jaqgħu taħt dan il-Protokoll. Dan jista' wkoll jitlob lill-Partijiet Kontraenti kkonċernati informazzjoni kumplimentarja jew jista' jirrikorri għal sorsi ta' informazzjoni oħra.

3. Il-Kumitat Permanenti għandu jħejji rapport għall-Konferenza Alpina dwar ir-rispett, mill-Partijiet Kontraenti, ta' l-obbligi li jaqgħu taħt dan il-Protokoll.

4. Il-Konferenza Alpina għandha tieħu nota ta' dan ir-rapport. Jekk din tara li kien hemm xi ksur ta' l-obbligi, din tista' tadotta rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 19

Evalwazzjoni ta' l-effikaċità tad-dispożizzjonijiet

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jeżaminaw u jevalwaw, b'mod regolari, l-effikaċità tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Fil-miżura li dan ikun meħtieġ għat-twettiq ta' l-objettivi, huma għandhom jikkunsidraw l-adozzjoni ta' emendi xierqa għal dan il-Protokoll.

2. Fl-ambitu istituzzjonali eżistenti, il-kollettivitajiet territorjali huma assoċjati ma' din l-evalwazzjoni. L-organizzazzjonijiet non-governattivi attivi f'dan il-qasam jistgħu jiġu kkonsultati.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Rabta bejn il-Konvenzjoni Alpina u l-Protokoll

1. Dan il-Protokoll hu l-Protokoll tal-Konvenzjoni Alpina skond l-Artikolu 2 u artikoli oħra rilevanti tal-Konvenzjoni.

2. Ħadd ma jista' jsir Parti Kontraenti għal dan il-Protokoll jekk mhux Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Alpina. Kull rinunċja għall-Konvenzjoni Alpina tfisser ukoll rinunċja ta' dan il-Protokoll.

3. Meta l-Konferenza Alpina tiddelibera kwistjonijiet dwar dan il-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti għal dan il-Protokoll biss jistgħu jieħdu sehem fil-votazzjoni.

Artikolu 21

Firma u ratifika

1. Dan il-Protokoll hu miftuħ għall-firma ta' l-Istati Firmatarji tal-Konvenzjoni Alpina u tal-Komunità Ewropea fis-16 ta' Ottubru 1998 u fis-16 ta' Novembru 1998 fir-Repubblika ta' l-Awstrija bħala depositarja.

2. Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti li esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu minn l-imsemmi Protokoll tliet xhur wara d-data li fiha tliet Stati jkunu ddepożitaw l-istrument tagħhom ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni.

3. Għall-Partijiet Kontraenti li jagħtu aktar 'il quddiem il-kunsens tagħhom biex ikunu marbuta bil-Protokoll, il-Protokoll jidħol fis-seħħ tliet xhur wara d-data tad-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika, ta' aċċetazzjoni u ta' approvazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ ta' emenda għall-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti ġodda kollha ta' l-imsemmi Protokoll isiru Partijiet Kontraenti tal-Protokoll kif emendat.

Artikolu 22

Notifiki

Id-depożitarju għandu jinnotofika lill-Istati kollha indikati fil-Preambolu u lill-Komunità Ewropea, dwar dak li jikkonċerna dan il-Protokoll:

(a) kull firma,

(b) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni,

(ċ) kull data ta' dħul fis-seħħ,

(d) kull dikjarazzjoni magħmula minn Parti Kontraenti jew Firmatarja,

(e) kull denunċja nnotifikata minn Parti Kontraenti, inkluż id-data li fiha ssir effettiva.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati kif jixraq għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi Bled, is-16 ta' Ottubru 1998, bil-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, is-Sloven, l-erba' testi daqsinsew awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tkun depożitata fl-arkivji ta' l-Istat tar-Repubblika ta' l-Awstrija. Id-depożitarju għandu jibgħat kopja ċċertifikata lill-Partijiet Firmatarji kollha.

PROTOKOLL

ta' applikazzjoni tal-konvenzjoni alpina ta' l-1991 fil-qasam tat-turiżmu

Protokoll "Turiżmu"

Preambolu

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIZA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IL-PRINĊIPAT TA' LICHTENSTEIN,

IL-PRINĊIPAT TA' MONACO,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA,

kif ukoll

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Skond il-missjoni tagħhom li toħroġ mill-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-Alpi (Il-Konvenzjoni Alpina) tas-7 ta' Novembru 1991 li tassigura politika globali ta' protezzjoni u ta' żvilupp sostenibbli taż-żona Alpina,

Fl-applikazzjoni ta' l-obbligi tagħhom li joħorġu mill-Artikolu 2(2) u (3) tal-Konvenzjoni Alpina,

Jikkunsidraw il-volontà tal-Partijiet Kontraenti li jarmonizzaw l-interessi ekonomiċi u l-eżiġenzi ekoloġiċi u li jassiguraw żvilupp sostenibbli,

Konxji mill-fatt li l-Alpi jikkostitwixxu l-ambitu ta' ħajja u ta' żvilupp ekonomiku tal-popolazzjoni lokali,

Konvinti li l-popolazzjoni lokali għandha tkun tista' tiddefinixxi l-proġett tagħha ta' żvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku u li tipparteċipa fl-implimentazzjoni tiegħu fl-ambitu istituzzjoniali eżistenti,

Jikkunsidraw li ċ-ċiviltà urbana tagħna tiżviluppa bżonn li qed dejjem jikber ta' turiżmu u ta' passatempi varji għall-bniedem tal-lum,

Jikkunsidraw li l-Alpi jibqgħu waħda miż-żoni l-kbar ta' akkoljenza għat-turiżmu u l-passatempi fl-Ewropa, permezz tal-possibbiltajiet immensi tagħhom ta' passatempi, permezz tar-rikkezza tal-pajsaġġi tagħhom u d-diversità tal-kondizzjonijiet ekoloġiċi tagħhom u peress illi hu meħtieġ li tkun ittrattata din l-isfida lilhinn mill-ambitu nazzjonali,

Jikkunsidraw li parti sinifikattiva tal-popolazzjoni ta' ċerti Partijiet Kontraenti jgħixu fl-Alpi u li t-turiżmu Alpin hu ta' interess pubbliku peress li jikkontribwixxi għaż-żamma ta' popolazzjoni permanenti,

Jikkunsidraw li t-turiżmu tal-munitanja jiżviluppa ruħu f'ambitu ta' kompetizzjoni li qed isir aktar u aktar mondjali u li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-prestazzjonijiet ekonomiċi taż-żona Alpina,

Jikkunsidraw li tendenzi reċenti jidhru li qed jimxu lejn armonija itjeb bejn it-turiżmu u l-ambjent: interess aktar u aktar mitqanqal mill-klijentela għal ambitu naturali attraenti u miżmum fix-xitwa bħas-sajf, tħassib ta' bosta minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet lokali biex itejbu l-kwalità ta' l-ambitu ta' l-akkoljenza li tipproteġi l-ambjent,

Jikkunsidraw li fiż-żona Alpina, il-limiti ta' l-adattament ta' l-ekosistemi ta' kull sit għandhom ikunu kkunsidrati b'mod speċjali u għandhom jiġu apprezzati skond l-ispeċifiċitajiet tagħhom,

Konxji li l-patrimonju naturali u kulturali kif ukoll il-pajsaġġi huma l-bażi essenzjali tat-turiżmu fl-Alpi,

Konxji li d-differenzi naturali, kulturali, ekonomiċi u istituzzjonali li jikkaratterizzaw l-Istati Alpini kienu l-bażi ta' żviluppi awtonomi u ta' bosta offerti turistiċi li, minflok ma ċedew il-post għal uniformità fuq il-pjan internazzjonali, kellhom ikunu sorsi ta' attivitajiet turistiċi diversifikati u kumplimentarji,

Konxji li żvilupp sostenibbli ta' l-ekonomija turistika bbażat fuq il-valorizzazzjoni tal-patrimonju naturali u fuq il-kwalità tal-prestazzjonijiet u tas-servizzi hu meħtieġ meta wieħed jikkunsidra d-dipendenza ekonomika tal-maġġor parti tar-reġjuni Alpini *vis-à-vis* t-turiżmu u tal-possibbiltà ta' sopravvivenza li dan jirrappreżenta għall-popolazzjonijiet tagħhom,

Konxji li hu meħtieġ li t-turisti jiġu mħeġġa li jirrispettaw in-natura, li jiġu megħjuna sabiex jifhmu aħjar il-popolazzjonijiet li jgħixu u jaħdmu fir-reġjuni ffrekwentati u li jinħolqu l-aħjar kondizzjonijiet għall-iskoperta vera tan-natura fiż-żona Alpina fid-diversità kollha tagħha,

Konxji li l-organiżmi professjonali tat-turiżmu u l-kollettivitajiet territorjali għandhom iwaqqfu, f'ambitu miftiehem f'livell taż-żona Alpina, il-mezzi sabiex itejbu l-istrutturi tal-produzzjoni tagħhom kif ukoll it-tħaddim tagħhom,

Jixtiequ li jassiguraw l-iżvilupp sostenibbli taż-żona Alpina permezz ta' turiżmu li jirrispetta l-ambjent, li jikkostitwixxi wkoll bażi essenzjali għall-kondizzjonijiet ta' għixien u ta' l-ekonomija tal-popolazzjoni lokali,

Konvinti li ċerti problemi ma jistgħux jiġu solvuti ħlief f'ambitu transkonfinali u jeżiġu miżuri komuni minnaħa ta' l-Istati Alpini,

JAQBLU DWAR DAN LI ĠEJ:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

L-objettiv

L-objettiv ta' dan il-Protokoll jikkonsisti fil-kontribuzzjoni, fl-ambitu istituzzjonali eżistenti, għal żvilupp sostenibbli taż-żona Alpina permezz ta' turiżmu li jirrispetta l-ambjent bis-saħħa ta' miżuri speċifiċi u ta' rakkomandazzjonijiet li jikkunsidraw l-interessi tal-popolazzjoni lokali u tat-turisti.

Artikolu 2

Kooperazzjoni internazzjonali

1. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jeliminaw l-ostakli għal kooperazzjoni interenazzjonali bejn il-kollettivitajiet territorijali taż-żona Alpina u li jippromwovu s-soluzzjoni tal-problemi komuni bis-saħħa ta' kollaborazzjoni fil-livell l-aktar adatt.

2. Il-Partijiet Kontraenti jinkoraġġixxu kooperazzjoni internazzjonali rrinforzata bejn l-entitajiet kompetenti rispettivi. Huma jieħdu ħsieb notevolment tal-valutazzjoni ta' żoni transkonfinali permezz tal-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet turistiċi u tal-passatempi li jirrispettaw l-ambjent.

3. Meta kollettivitajiet territorjali ma jistgħux jimplimentaw miżuri, peress illi dawn huma ta' kompetenzi nazzjonali jew internazzjonali, dawn għandhom jingħataw il-possibbiltà li jirrappreżentaw b'mod effikaċi l-interessi tal-popolazzjoni.

Artikolu 3

Il-kunsiderazzjoni ta' l-objettivi fil-politiki l-oħra

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jikkunisdraw ukoll l-objettivi ta' dan il-Protokoll fil-politiki l-oħra tagħhom partikolarment fis-setturi ta' l-ippjanar tat-territorju, tat-trasport, ta' l-agrikultura, ta' l-ekonomija forestarja, tal-protezzjoni ta' l-ambjent u tan-natura, kif ukoll f'dak li jikkonċerna l-provvista ta' l-ilma u ta' l-enerġija, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-effetti negattivi jew kontradittorji eventwali.

Artikolu 4

Parteċipazzjoni tal-kollettivitajiet territorjali

1. Fl-ambitu istituzzjonali eżistenti, kull Parti Kontraenti tiddetermina l-aħjar livell ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-kolletivitajiet territorjali kkonċernati b'mod dirett sabiex tkun promossa solidarjetà fir-responsabbiltà, notevolment sabiex ikunu esplojtjati u żviluppati s-sinerġiji fl-applikazzjoni tal-politiki tat-turiżmu kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-miżuri li joħorġu minnhom.

2. Il-kollettivitajiet territorjali kkonċernati b'mod dirett huma parteċipanti fl-istadji differenti tal-preparazzjoni u ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki u miżuri skond il-kompetenzi tagħhom, fl-ambitu istituzzjonali eżistenti.

KAPITOLU II

MIŻURI SPEĊIFIĊI

Artikolu 5

Kontroll tat-turiżmu

1. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jassiguraw żvilupp turistiku sostenibbli b'turiżmu li jirrispetta l-ambjent. Għal dan l-għan, huma favur l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' kunċetti direttivi, ta' programmi ta' żvilupp, ta' pjanijiet settorjali, mibdija mill-awtoritajiet kompetenti fil-livell l-aktar xieraq, li jikkunsidraw l-objettivi ta' dan il-Protokoll.

2. Dawn il-miżuri se jippermettu li jiġu evalwati u mqabbla l-vantaġġi u l-inkonvenjenti ta' l-iżviluppi maħsuba notevolment:

(a) tal-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi fuq il-popolazzjonijiet lokali,

(b) tal-konsegwenzi għall-ħamrija, l-ilma, l-arja, il-bilanċ naturali u l-pajsaġġi, billi jkunu kkunsidrati l-informazzjonijiet ekoloġiċi speċifiċi, tar-riżorsi naturali u tal-limiti ta' adattament ta' l-ekosistemi,

(ċ) tal-konsegwenzi fuq il-finanzi pubbliċi.

Artikolu 6

Orjentazzjonijiet ta' l-iżvilupp turistiku

1. Il-Partijiet Kontraenti jikkunsidraw, għall-iżvilupp tat-turiżmu, il-preokkupazzjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tan-natura u s-salvagwardar tal-pajsaġġ. Huma jwiegħdu li jippromwovu kemm jistgħu, il-proġetti favorevoli għall-pajsaġġi u tollerabbli għall-ambjent.

2. Huma jikkommettu ruħhom għal politika sostenibbli li tirrinforza l-kompetittività tat-turiżmu Alpi qrib in-natura u li b'hekk jagħtu kontribuzzjoni importanti għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku taż-żona Alpina. Il-miżuri favur l-innovazzjoni u d-diversifikazzjoni ta' l-offerta se jkunu privileġġati.

3. Il-Partijiet Kontraenti jieħdu ħsieb li jkun imfittex fir-reġjuni b'impatt turistiku qawwi bilanċ ekwilibrat bejn il-forom ta' turiżmu intensiv u l-forom ta' turiżmu estensiv.

4. Mill-mument li jittieħdu inċentivi, dawn l-aspetti għandhom jiġu rrispettati:

(a) għat-turiżmu intensiv, l-adattament ta' l-istrutturi u t-tagħmir turistiċi eżistenti għall-eżiġenzi ekoloġiċi u l-iżvilupp ta' strutturi ġodda b'konformità ma' l-objettivi ta' dan il-Protokoll,

(b) għat-turiżmu estensiv, iż-żamma jew l-iżvilupp ta' offerta turistika li hi qrib tal-kondizzjonijiet naturali u li tirrispetta l-ambjent, kif ukoll l-ivvalutar tal-patrimonju naturali u kulturali tar-reġjuni li jilqgħu t-turisti.

Artikolu 7

Riċerka dwar il-kwalità

1. Il-Partijiet Kontraenti jikkommettu ruħhom għal politika ta' riċerka permanenti u sistematika tal-kwalità tat-turiżmu fiż-żona Alpina kollha, billi jikkunsidraw notevolment l-eżiġenzi ekoloġiċi.

2. Huma jiffavorixxu l-iskambju ta' esperjenzi u t-twettiq ta' programmi ta' azzjoni komuni, li jsegwu ammeljorazzjoni kwalitattiv notevolment:

(a) fl-iżvilupp tal-faċilitajiet fil-pajsaġġi u l-ambjent naturali,

(b) fl-urbaniżmu, l-arkitettura (kostruzzjonijiet ġodda u riabilitazzjoni ta' villaġġi)

(ċ) fl-akkomodazzjoni u l-firxa ta' servizi turistiċi,

(d) fid-diversifikazzjoni tal-prodott turistiku taż-żona Alpina, billi jiġu vvalorizzati l-attivitajiet kulturali tad-diversi territorji kkonċernati.

Artikolu 8

Kontroll tal-fluss turistiku

Il-Partijiet Kontraenti jiffavorixxu l-kontroll tal-fluss turistiku notevolment fiż-żoni protetti, billi jorganizzaw it-tqassim u l-akkomodazzjoni tat-turisti b'mod li jiggarantixxi l-perennità ta' dawn is-siti.

Artikolu 9

Limiti naturali ta' l-iżvilupp

Il-Partijiet Kontraenti jieħdu ħsieb li l-iżvilupp turistiku jkun adattat għall-partikularitajiet ta' l-ambjent u għar-riżorsi disponibbli tal-lokalità jew tar-reġjun in kwistjoni. Fil-każ ta' proġetti li jistgħu jkollhom impatt notevoli fuq l-ambjent, hu xieraq, fl-ambitu istituzzjonali eżistenti, li ssir evalwazzjoni preliminari ta' dawn l-impatti, ikkunsidrati fit-teħid tad-deċiżjoni.

Artikolu 10

Żoni ta' trankwillità

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu, b'konformità mar-regolamenti tagħhom u skond kriterji ekoloġiċi, li jiddelimitaw żoni ta' trankwillità fejn wieħed jirrinunċja għall-akkomodazzjonijiet turistiċi.

Artikolu 11

Politika ta' l-akkomodazzjoni

Il-Partijiet Kontraenti jiżviluppaw politiki ta' akkomodazzjoni filwaqt li jikkunsidraw l-ispazju limitat taż-żona disponibbli, billi jipprivileġġaw l-akkomodazzjoni kummerċjali, ir-riabilitazzjoni u l-użu ta' bini eżistenti, u billi jimmodernizzaw u tjejbu l-kwalità ta' l-akkomodazzjoni eżistenti.

Artikolu 12

Tlugħ bil-funikular

1. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu, fl-ambitu tal-proċeduri nazzjonali ta' awtorizzazzjoni tat-tlugħ bil-funikular, li jimplimentaw, lilhinn mill-eżiġenzi ekonomiċi u tas-sigurtà, politika li twieġeb għall-eżiġenzi ekoloġiċi u tal-pajsaġġ.

2. L-awtorizzazzjonijiet il-ġodda ta' esplojtazzjoni ta' tlugħ bil-funikular kif ukoll il-konċessjonijiet se jkunu suġġetti għażżmontaġġ u t-tneħħija tal-funikulari li mhux użati jintużaw u għan-naturalizzazzjoni mill-ġdid tas-superfiċji li mhux użati bi priorità għall-ispeċijiet veġetali ta' oriġini lokali.

Artikolu 13

Traffiku u trasporti turistiċi

1. Il-Partijiet Kontraenti jiffavorixxu l-miżuri li jfittxu li jnaqqsu t-traffiku mmotorizzat ġo l-istazzjonijiet turistiċi.

2. Barra minn hekk, huma jinkoraġixxu l-inizjattivi privati jew pubbliċi li għandhom tendenza li jtejjbu l-aċċess għas-siti u ċ-ċentri turistiċi permezz ta' trasporti kollettivi u li jinkoraġġixxu l-użu ta' dawn it-trasporti mit-turisti.

Artikolu 14

Tekniki partikulari ta' ppjanar

1. Mogħdijiet ta' l-iski

1. Il-Partijiet Kontraenti jieħdu ħsieb li l-ippjanar, iż-żamma u l-esplojtazzjoni tal-mogħdijiet ta' l-iski jippreżentaw l-aqwa integrazzjoni possibbli għall-pajsaġġi billi jikkunsidraw l-bilanċi naturali u s-sensibbiltà tal-bijotopi.

2. Il-modifiki ta' l-art għandhom jiġu limitati kemm jista' jkun u meta l-kondizzjonijiet naturali jippermettu, is-superfiċji mibdula għandhom ikunu mħawla mill-ġdid bi priorità għall-ispeċijiet ta' oriġini lokali.

2. Stallazzjonijiet tas-silġ

Il-leġsilazzjonijiet nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-fabbrikazzjoni tas-silġ matul il-perijodi ta' kesħa speċifiċi ta' kull sit, notevolment sabiex jagħti sigurtà liż-żoni esposti, jekk il-kondizzjonijiet idroloġiċi, klimatiċi u ekoloġiċi speċifiċi tas-sit ikkonċernat jippermettu.

Artikolu 15

Prattiki sportivi

1. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jiddefinixxu politika ta' kontroll tal-prattiki sportivi li jsiru fil-beraħ, parikularment fiż-żoni protetti, b'mod li jiġu evitati l-inkonvenjenti għall-ambjent. Dan il-kontroll jista' jwassal, jekk ikun hemm bżonn, għall-projbizzjoni tagħhom.

2. Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jillimitaw kemm jistgħu u jekk ikun hemm bżonn jipprojbixxu l-attivitajiet sportivi mmotorizzati barra miż-żoni ddeterminati mill-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 16

Illandjar mill-ajru

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jillimitaw kemm jistgħu u jekk ikun hemm bżonn jipprojbixxu, barra mill-ajrudromi, l-illandjar mill-ajru għall-finijiet sportivi.

Artikolu 17

L-iżvilupp ta' reġjuni u ta' kollettivitajiet pubbliċi li huma ekonomikament dgħajfa

Hu rrakkomandat lill-Partijiet Kontraenti li jistudjaw soluzzjonijiet adatti fil-livell territorjali xieraq li jippermetti żvilupp ibbilanċjat tar-reġjuni u tal-kollettivitajiet pubbliċi li huma ekonomikament dgħajfa.

Artikolu 18

Tqassim tal-vaganzi

1. Il-Partijiet Kontraenti se jipprovaw iqassmu aħjar skond iż-żoni u l-perijodu d-domanda turistika tar-reġjuni li qed jilqgħuhom.

2. Għal dan l-għan, għandha tiġi appoġġata l-kollaborazzjoni bejn l-Istati għal dak li jikkonċerna t-tqassim tal-vaganzi u l-esperimenti ta' titwil ta' l-istaġuni.

Artikolu 19

L-inkoraġġiment għall-innovazzjoni

Hu rakkomandat lill-Partijiet Kontraenti li jiżviluppaw l-inċentivi kollha speċifiċi sabiex tkun inkuraġġuta l-implimentazzjoni ta' l-orjentazzjonijiet ta' dan il-Protokoll; għal dan l-għan, huma se jistudjaw notevolment it-twaqqif ta' konkors Alpin li jfittex li jirrikumpensa t-twettiq u l-prodotti turistiċi innovattivi li jirrispettaw l-objettivi ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 20

Kooperazzjoni bejn it-turiżmu, l-agrikultura, l-ekonomija forestarja u l-artiġanat

Il-Partijiet Kontraenti jappoġġaw il-kollaborazzjoni fost it-turiżmu, l-agrikultura, l-ekonomija forestarja u l-artiġjanat. Huma jiffavorixxu b'mod partikulari it-taħlit ta' attivitajiet li joħolqu impiegi li jwasslu għal żvilupp sostenibbli.

Artikolu 21

Miżuri komplementari

Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jieħdu miżuri kompeimentari għal dawk maħsuba minn dan il-protokoll, għat-turiżmu sostenibbli.

KAPITOLU III

RIĊERKA, FORMAZZJONI U INFORMAZZJONI

Artikolu 22

Riċerka u osservazzjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti jinkuraġġixxu u jarmonizzaw, b'kollaborazzjoni mill-qrib, ir-riċerka u l-osservazzjoni sistematika li jidhru li huma utli għal għarfien aħjar ta' azzjonijiet reċiproċi bejn it-turiżmu u l-ambjent fl-Alpi kif ukoll analiżi ta' l-iżviluppi futuri.

2. Il-Partijiet Kontraenti jieħdu ħsieb li r-riżultati nazzjonali tar-riċerka u ta' l-osservazzjoni sistematika jkunu integrati f'sistema komuni ta' osservazzjoni u ta' informazzjoni permanenti u li tkun aċċessibbli għall-pubbliku fl-ambitu istituzzjonali eżistenti.

3. Il-Partijiet Kontraenti jintrabtu li jiskambjaw l-informazzjoni dwar l-esperjenzi tagħhom li huma utli għall-implimentazzjoni ta' miżuri u ta' rakkomandazzjonijiet ta' dan il-Protokoll u li jiġbru d-*data* rilevanti dwar il-qasam ta' l-iżvilupp turistiku kwalitattiv.

Artikolu 23

Formazzjoni u informazzjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti jiffavorixxu l-formazzjoni inizjali u kontinwa kif ukoll l-informazzjoni tal-pubbliku għal dak li jikkonċerna l-objettivi, il-miżuri u l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

2. Hu rakkomandat lill-Partijiet Kontraenti li jinkludu, fil-formazzjoni professjonali xogħlijiet li għandhom relazzjoni diretta jew konnessaa mat-turiżmu, għarfien dwar il-postijiet naturali u l-ambjent. Formazzjonijiet oriġinali li jgħaqqdu t-turiżmu u l-ambjent jistgħu għalhekk jiġu implimentati. Per eżempju:

— "animatur-natura",

— "uffiċjali responsabbli għall-kwalità tal-lokalità tal-vaganzi",

— "assistenti turistiċi għall-persuni b'diżabbiltà".

KAPITOLU IV

IMPLIMENTAZZJONI, KONTROLL U EVALWAZZJONI

Artikolu 24

Implimentazzjoni

Il-Partijiet Kontraenti jwiegħdu li jassiguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll billi jieħdu l-miżuri kollha xierqa fl-ambitu istituzzjonali eżistenti.

Artikolu 25

Kontroll ta' l-osservanza ta' l-obbligi

1. Il-Partijiet Kontraenti regolarment jagħmlu rapport lill-Kumitat Permanenti dwar il-miżuri meħuda bis-saħħa ta' dan il-Protokoll. Ir-rapporti jittrattaw ukoll il-kwistjoni ta' l-effikaċità tal-miżuri meħuda. Il-Konferenza Alpina tiddetermina l-perjodiċità tar-rapporti.

2. Il-Kumitat Permanenti jeżamina dawn ir-rapporti sabiex jivverifika li l-Partijiet Kontraenti wettqu l-obbligi tagħhom li jaqgħu taħt dan il-Protokoll. Dan jista' wkoll jitlob lill-Partijiet Kontraenti kkonċernati informazzjoni komplementari jew jista' jirrikorri għal sorsi ta' informazzjoni oħra.

3. Il-Kumitat Permanenti għandu jħejji rapport għall-Konferenza Alpina dwar ir-rispett, mill-Partijiet Kontraenti, ta' l-obbligi li jaqgħu taħt dan il-Protokoll.

4. Il-Konferenza Alpina għandha tieħu nota ta' dan ir-rapport. Jekk din tara li kien hemm xi ksur ta' l-obbligi, din tista' tadotta rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 26

Evalwazzjoni ta' l-effikaċità tad-dispożizzjonijiet

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jeżaminaw u jevalwaw, b'mod regolari, l-effikaċità tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Sakemm dan ikun meħtieġ għat-twettiq ta' l-objettivi, huma għandhom jikkunsidraw l-adozzjoni ta' emendi xierqa għal dan il-Protokoll.

2. Fl-ambitu istituzzjonali eżistenti, il-kollettivitajiet territorjali huma assoċjati ma' din l-evalwazzjoni. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi f'dan il-qasam jistgħu jiġu kkonsultati.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 27

Irbit bejn il-Konvenzjoni Alpina u l-Protokoll

1. Dan il-Protokoll hu l-Protokoll tal-Konvenzjoni Alpina skond l-Artikolu 2 u artikoli oħra rilevanti tal-Konvenzjoni.

2. Ħadd ma jista' jsir Parti Kontraenti għal dan il-Protokoll jekk mhux Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Alpina. Kull rinunċja għall-Konvenzjoni Alpina tfisser ukoll rinunċja ta' dan il-Protokoll.

3. Meta l-Konferenza Alpina tiddelibera kwistjonijiet dwar dan il-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti għal dan il-Protokoll biss jistgħu jieħdu sehem fil-votazzjoni.

Artikolu 28

Firma u ratifika

1. Dan il-Protokoll hu miftuħ għall-firma ta' l-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni Alpina u tal-Komunità Ewropea fis-16 ta' Ottubru 1998 u fis-16 ta' Novembru 1998 fir-Repubblika ta' l-Awstrija bħala depositarja.

2. Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti li esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu minn l-imsemmi Protokoll tliet xhur wara d-data li fiha tliet Stati jkunu ddepożitaw l-istrument tagħhom ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni.

3. Għall-Partijiet Kontraenti li jesprimu wara dan iż-żmien il-kunsens tagħhom li jintrabtu b'dan il-Protokoll, il-Protokoll jidħol fis-seħħ wara d-data tad-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ ta' emenda għall-Protokoll, il-Partijiet Kontraenti ġodda kollha ta' l-imsemmi Protokoll isiru Partijiet Kontraenti tal-Protokoll kif emendat.

Artikolu 29

Notifiki

Id-depożitarju għandu jinnotofika lil kull Stat indikat fil-Preambolu u lill-Komunità Ewropea, għal dak li jikkonċerna dan il-Protokoll:

(a) kull firma,

(b) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni,

(ċ) kull data ta' dħul fis-seħħ,

(d) kull dikjarazzjoni magħmula minn Parti Kontraenti jew Firmatarja,

(e) kull denunċja nnotifikata minn Parti Kontraenti, inkluż id-data li fiha ssir effettiva.

B'xhieda ta' dan, is-sottoskritti, awtorizzati kif jixraq għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi Bled, is-16 ta' Ottubru 1998, bil-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, is-Sloven, l-erba' testi daqsinsew awtentiċi, f'kopja waħda li għandha tkun depożitata fl-arkivji ta' l-Istat tar-Repubblika ta' l-Awstrija. Id-depożitarju għandu jibgħat kopja ċċertifikata lill-Partijiet firmatarji kollha.